Caritas ssostni numru kbir ta' ħidmiet li jsiru fis-skiet minn voluntiera u professjonisti, fil-parroċċi Maltin. Ħidmiet li jirrispondu għall-bżonnijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli fil-lokalitajiet tagħna. Bżonnijiet li jvarjaw mis-solitudni, għas-sapport f'sitwazzjonijiet ta' saħħa mentali, minn inizzjattivi soċjali għall-anzjani, għall-provista ta' ikel u kutri għal dawk l-aktar fil-bżonn.

Caritas Malta tistiednek tagħti ftit mill-ħin tiegħek dan is-sajf u tingħaqad magħna fil-ħidma man-nies fil-bżonn fil-parroċċi tagħna. Caritas se tkun qed tniedi numru ta' inizzjattivi meta l-awtoritajiet tas-saħħa jippermettu, mhux biss biex nirrispondu għall-bżonnijiet ta' dawk l-aktar fil-bżonn, imma wkoll biex noffrulhom opportunità li jgawdu ftit ħin soċjali flimkien. Din mhix talba biex tagħti ħafna sigħat, imma stedina biex tagħti

# ftit ħin b'qalb kbira

**Jekk int interessat/a tingħaqad magħna, infurmana, aħna nikkuntattjawk lura u nagħmlu appuntament miegħek biex niltaqgħu u naraw kif**

**l-offerta ta' ħin tiegħek flmkien nittraduċuha f'tama, għajnuna u ferħ għal dawk li huma l-aktar bżonnhom!**



Caritas
MALTA

**Applika Hawn**